MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 9/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Aldo Agius**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Aldo Agius talli fit-3 ta’ Frar 2008 fil-Floriana ghall-habta ta’ 1.30 a.m.:

(1) ikkommetta serq ta’ portmoni li kien fih madwar €30 ghad-dannu ta’ Harold Vella ID. 357965M, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin;

(2) fl-istess data u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Harold Vella ID. 357965M f’periklu car, hebb ghall-istess Vella u kkagunalu griehi ta’

natura gravi skond ma ccertifika Dr. Manuel Fenech MD c/o Casualty;

(3) Barra minn dan fl-istess cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet ghall-pubbliku b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Harold Vella u tapplika l-provvedimenti ta' l-Art. 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tohrog ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Harold Vella ai termini ta' l-Artikolu 412c tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(4) kiser il-kundizzjoni ta' Art. 22 Kap. 446 imposti fuqu b' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 30 ta' Marzu, 2007;

(5) irrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-14 ta' Jannar 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq l-ammissjoni ta' l-imsemmi Aldo Agius, u wara li rat l-artikoli 17(b), 49, 50, 214, 216(1)(b), 261(f), 270, 281(a), 338(dd) tal-Kap. 9 u l-artikolu 23(1)(a)(2) tal-Kap. 446 (artikoli 216(1)(a)(11(ii)(iv) u 217 tal-Kap. 9), sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 qieset li t-tielet imputazzjoni hi assorbita fit-tieni wahda u t-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni, u kkundannatu tmien (8) xhur prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Aldo Agius ipprezentat fit-22 ta' Jannar 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma u temenda s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma l-htija tieghu fir-rigward tal-akkuzi li gew minnu ammessi, tbiddel il-piena u minflok taghti piena ohra li tkun aktar adatta fil-kaz in ezami, mehud il-fatt li huwa jrid ihares 'il quddiem sabiex ibiddel hajtu u triqatu u b'hekk jerga' jirrintegra ruhu u jkun a beneficcju tas-socjeta`;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena ta' tmien xhur prigunerija nflitta fuqu. Huwa jghid illi (1) ammetta fi stadju bikri tal-process u b'hekk iffranka hin prezzjuz ghall-ewwel Qorti; (2) kif jirrizulta mill-istqarrija tieghu, kien taht l-effett ta' l-alkohol meta wettaq ir-reati in kwistjoni u prattikament ma kienx jaf x'inhu jaghmel – gie f'tieghu fl-ghassa meta ra lill-vittma Harold Vella bid-demm; (3) meta rrejalizza l-gravita` ta' l-azzjoni tieghu, stqarr li jiddispjacih ghal dak li kien ghamel; (4) ghalkemm huwa recidiv u kiser il-kundizzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446, xorta jibqa' l-fatt li qatt ma huwa tard wisq biex jibda jirriforma ruhu, u dan mhux billi jintbaghat il-habs izda billi jinghata programm ta' kura, anke psikologika, biex johrog mill-vizzju ta' l-alkohol u ftit ftit jerga' jigi reintegrat fis-socjeta`. Ghalhekk huwa jissuggerixxi piena alternattiva bhal dik ta' karcerazzjoni sospiza filwaqt illi jitqieghed taht programm intensiv ta' kura.

Jinghad l-ewwelnett illi s-sentenza appellata nghatat wara ammissjoni inkondizzjonata ta' l-appellant fl-ewwel seduta li fiha bdew jinstemghu l-provi, ammissjoni li ppersista fiha anke wara li dik il-Qorti tatu zmien xieraq biex jikkunsidra tali ammissjoni. Bhalma qalet din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jonathan Attard** moghtija fis-26 ta' Mejju 2004[1]:

**"Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u**

[1] Ara wkoll, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **The Republic v. Ahmed Ben Taher**, 6 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika v. Mohamed Mohamed Abusetta**, 4 ta' Dicembru 2003; **Il-Pulizija v. Emmanuele Magro**, 2 ta' Gunju 2004

**Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat."**

Barra minn hekk ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena. U f'dan il-kaz il-fatt li l-appellant ghamel ammissjoni bikrija ttiehed in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti meta giet biex tiddetermina l-piena. Difatti, meta wiehed iqis li ghar-reati li l-appellant ikkommetta fit-3 ta' Frar 2008 huwa seta' wehel sa massimu ta' tliet snin prigunerija apparti zidiet ohra minhabba ksur tal-kondizzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 skond sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' Marzu 2007 u minhabba recidiva, il-piena nflitta kienet wahda minima.

L-appellant jghid li kien taht l-effett ta' l-alkohol u li gie f'tieghu fl-ghassa meta ra lill-vittma bid-demm. Issa, skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 34 tal-Kap. 9, "is-sokor ma jistax jingieb bhala eccezzjoni kontra akkuza kriminali". Barra minn hekk m'hemm xejn fl-atti li juri li fil-mument li wettaq ir-reati in kwistjoni kienu jezistu xi wahda mic-cirkostanzi msemmijin fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 34 tal-Kap. 9 li jistghu jingiebu bhala eccezzjoni kontra akkuza kriminali. Fi kwalunkwe kaz, l-appellant ammetta l-imputazzjonijiet dedotti u ghalhekk tali ammissjoni tikkontradici kwalunkwe eccezzjoni li jista' jqajjem illi fil-mument ta' twettiq tar-reati "ma kienx jaf x'inhu jaghmel".

Hija haga pozittiva illi l-appellant jiddispjacih ghal dak li ghamel bhalma huwa pozittiv il-fatt li qieghed jirrejalizza illi, jekk ghandu problema tax-xorb, allura ghandu bzonn ta' ghajnuna biex johrog minn dan il-vizzju. Pero` mill-fedina penali aggornata ta' l-appellant jirrizulta li huwa diga` bbenefika tliet darbiet minn *conditional discharge* u

darba ohra minn sentenza sospiza ta' prigunerija. U din il-Qorti u kull Qorti ta' gustizzja kriminali ghandha wkoll id-dover li, bil-pieni jew provvedimenti ohra li taghti, tipprotegi lis-socjeta`, u f'certi kazijiet tali protezzjoni jkollha tigi implimentata billi l-hati jitnehha mic-cirkolazzjoni ghal certu perijodu bit-tama li f'dak il-perijodu huwa jirriforma ruhu. Barra minn hekk, bhalma qalet din il-Qorti fil-gurisdizzjoni superjuri taghha f'**Ir-Repubblika ta' Malta v. Dominic Bonnici** fis-sentenza taghha tal-11 ta' Novembru 2004: *"Il-pieni ghandhom l-iskop ukoll li jservu ta' deterrent generali; u l-qrati ta' gustizzja kriminali ghandhom jibaghtu messagg car mhux biss li l-vjolenza fizika ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta' prigunerija b'effett immedjat, izda li meta tali vjolenza tkun indirizzata lejn minuri jew anzjani jew lejn persuni ohra partikolarment vulnerabbli, il-piena ghandha tkun aktar severa minn dik li normalment tinghata f'kazijiet ohra."*

F'dan il-kaz, din il-Qorti kellha l-opportunita` tosserva l-vittma li attenda ghal diversi seduti u ma tistax ma tikkonkludix li jista' jitqies bhala persuna vulnerabbli minhabba l-istat ta' sahha tieghu. Barra minn hekk mic-certifikat mediku esebit (a fol. 22) jidher li l-appellant aggredixxa lil Harold Vella b'mod pjuttost feroci. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta nfliggiet sentenza definittiva ta' prigunerija. U ladarba l-appellant isostni li ghandu bzonn ta' ghajnuna minhabba l-vizzju tax-xorb, jista' jitlob u jinghata tali ghajnuna waqt li jkun fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

Ghal dawn il-motivi:

Tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------